

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10896/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0410(COD)

AGRI 476
FORETS 167
ENV 608
CODEC 1470
AGRILEG 287

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	10714/1/24 REV1 16064/23
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi l-Kumitat Forestrarju Permanenti - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi Kumitat Forestrarju Permanenti¹.
2. L-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 tipprevedi li, minħabba r-rwol multifunzjonali tal-foresti u l-kontribut dejjem akbar tagħhom għall-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tkun meħtieġa "struttura ta' governanza tal-foresti tal-UE aktar inklużiva u kkoordinata aħjar", "li tirrifletti l-oġettivi kollha tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti u r-rabtiet bejniethom."

¹ 16064/23

3. Il-proposta twieġeb għall-ħtieġa ta' hawn fuq għal struttura ta' governanza aġġornata u testendi s-shubja u l-kompiti tal-Kumitat Forestrarju Permanenti. Fiha wkoll bidla fl-isem għal "Grupp Permanenti ta' Esperti dwar il-Foresti u l-Forestrija". Huwa propost li s-shubja tkun estiża biex tinkludi l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma kompetenti għall-oġettivi ta' politika differenti tal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030, (inkluż il-klima, is-saħħa tal-foresti, l-ambjent, il-forestrija, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija).
4. Il-proposta mhix akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, peress li mhix mistennija jkollha impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali sinifikanti.
5. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar din il-proposta. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta opinjoni dwarha fl-20 ta' Marzu 2024².
6. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet attribwita b'mod konġunt lill-kumitati AGRI u ENVI. Il-Kumitati għadhom ma bdewx jeżaminaw il-proposta.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

7. L-eżami tal-proposta sar taħt il-Presidenza Belġjana fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija (minn hawn 'il quddiem "Il-Grupp ta' Ħidma"). Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Grupp ta' Ħidma fil-5 ta' Diċembru 2023 u lill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-11 ta' Diċembru 2023.
8. Il-Presidenza ressqet żewġ testi ta' kompromess, li ġew diskussi rispettivament fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fil-21 ta' Mejju u fis-6 ta' Ġunju 2024, li jirriflettu d-diskussjonijiet li saru f'ħames laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma u l-kontributi sussegwenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet.
9. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tas-6 ta' Ġunju 2024, saru xi ftit aktar bidliet żgħar fit-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza (dokument 9751/01/24 REV 1). Fi tmiem il-laqgħa l-Presidenza nnotat l-appoġġ wiesa' ħafna mid-delegazzjonijiet dwar it-test kif emendat matul il-laqgħa.

² 8498/24

10. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza u qabel li jgħaddih lill-Kunsill bħala punt "A" tal-aġenda bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali. F'dik l-okkażjoni, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni esprima tħassib serju relatat ma' xi wħud mill-bidliet li saru għall-proposta, jiġifieri dwar l-isem, il-kompożizzjoni u l-kompiti tal-grupp ta' esperti, dwar ir-rekwiżit li l-Kummissjoni ttipprovdi feedback lill-grupp ta' esperti u dwar il-bidla fil-format legali.

KONKLUŻJONIJIET

11. Il-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess tal-Presidenza li jinsab fl-Anness ta' din in-nota fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2024.

Abbozz ta'

DEĊIŻJONI (UE) .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

li tistabbilixxi Kumitat Permanenti dwar il-Foresti u l-Forestrija u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill
89/367/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 u l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni ⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

³ [...]

⁴ [...]

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE ⁵ stabbiliet Kumitat Forestrarju Permanenti, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar kostanti fis-settur tal-forestrija bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u b'hekk tappoġġa l-miżuri tal-forestrija mibdija skont il-politika agrikola u tal-iżvilupp rurali tal-Unjoni.
- (1a) Matul iż-żmien, il-Kumitat Forestrarju Permanenti żviluppa f'korp konsultattiv ċentrali dwar l-aspetti kollha tal-foresti u l-ġestjoni tal-foresti. Fil-passat, kien ingħata wkoll kompiti ta' komitologija⁶. Madankollu, peress li l-att bażiku li jagħti lill-Kumitat Forestrarju Permanenti dawk is-setgħat ta' komitoloġija skada, il-korp m'għadx għandu funzjoni ta' komitoloġija. Biex ikun konsistenti mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030⁷, jenħtieġ li l-grupp iżomm ismu bħala "kumitat", għalkemm f'dan l-istadju m'għadx għandu funzjonijiet ta' komitoloġija u huwa de facto grupp ta' esperti.
- (2) Il-ħtieġa li titħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi Kumitat Forestrarju Permanenti hija mmotivata minn aktar domandi soċjetali li jinvolvu l-funzjonijiet multipli tal-foresti, speċjalment li jintlaħaq bilanċ bejn l-aspetti soċjali, ekonomiċi, tal-bijodiversità u dawk relatati mal-klima. Il-kontribut tal-foresti għall-oġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "il-Patt Ekoloġiku Ewropew", inkluż għall-klima, għall-bijodiversità u għall-bioekonomija sostenibbli jeħtieġ struttura ta' governanza tal-foresti tal-Unjoni aktar inklużiva u kkoordinata aħjar li tirrifletti, fost l-oħrajn, l-oġettivi kollha tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 dwar "Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030" u l-interkonnessjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li l-Kumitat Forestrarju Permanenti ikun il-korp ċentrali ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni mal-Istati Membri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE għall-foresti u jipprovdi gwida dwar kwistjonijiet relatati mal-foresti u l-forestrija.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tad-29 ta' Mejju 1989 li tistabbilixxi l-Kumitat Forestrarju Permanenti, ĠU L 165, 15.6.1989, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1989/367/oj>.

⁶ Ir-Regolament Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li jirrigwardja monitoraġġ ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali tal-Komunità, ĠU L 234, 11.12.2003, p. 1.

⁷ 13984/21

- (3) Fl-2019, il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Foresti u n-Natura, sottogrupp tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Bijodiversità u n-Natura. L-oġġettiv ewlieni ta' dak il-Grupp ta' Ħidma kien li jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni biex jgħin fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni, fir-rigward tal-ekosistemi tal-foresti u l-ġestjoni tagħhom, tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija l-Għdida tal-UE dwar il-Foresti għall-2030 u azzjonijiet relatati u l-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU għal wara l-2020 għad-diversità Bijoloġika. L-esperjenza u l-għarfien espert tal-Kumitat Forestrarju Permanenti u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Foresti u n-Natura dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-foresti u l-forestrija li jirriżultaw minn diversi politiki tal-Unjoni huma importanti għall-kontribut usa' tal-foresti u tal-forestrija għall-oġġettivi u għall-inizjattivi ewlenin tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030, u biex jiġu promossi l-koerenza u s-sinerġiji bejn il-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri rilevanti għall-foresti u l-forestrija.
- (4) Hemm xejra dejjem tikber ta' frammentazzjoni fil-politiki tal-UE relatati mal-foresti. L-aktar mod effettiv biex tinkiseb struttura ta' governanza tal-foresti tal-Unjoni aktar inklużiva u kkoordinata aħjar huwa li jitwessa' l-ambitu u li jiġu ċċarati l-kompiti u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Forestrarju Permanenti. Jenħtieġ li l-Kumitat Forestrarju Permanenti jingħata wkoll l-isem għdid ta' Kumitat Permanenti dwar il-Foresti u l-Forestrija, sabiex jirrifletti dawk il-modifiki. Fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, jenħtieġ li dan jindirizza kwalunkwe kwistjoni jew aspett rigward il-foresti u l-forestrija li jirriżultaw minn diversi politiki tal-Unjoni. Għalhekk l-Istati Membri jinnominaw rappreżentanti mill-awtoritajiet li huma kompetenti għall-oġġettivi speċifiċi ta' politika.
- (5) Peress li huwa meħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE tiġi mmodifikata sostanzjalment, jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali, ċarezza u trasparenza.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment

Sabiex tiġi żgurata [...] kooperazzjoni mill-qrib u jitrawwem skambju multidixxiplinari bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-foresti u l-forestrija fir-rigward tal-oqsma ta' politika tal-Unjoni kollha li huma rilevanti għall-foresti, u b'mod partikolari sabiex jissaħħa l-ir-rwol konsultattiv tiegħu, huwa b'dan stabbilit grupp ta' esperti msejjaħ il-Kumitat Permanenti dwar il-Foresti u l-Forestrija.

Artikolu 2

Kompiti

1. Il-Kumitat jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni jew aspekk li jikkonċerna l-foresti u l-forestrija li jirriżulta mill-politiki tal-Unjoni jew fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru wieħed jew aktar.
2. B'mod partikolari, il-kompiti tal-Kumitat għandhom ikunu:
 - (a) li jassisti lill-Kummissjoni fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proposti leġislattivi, strateġiji, linji gwida jew inizzjattivi ta' politika oħra tal-Unjoni rilevanti li jkollhom il-foresti jew il-forestrija bħala s-suġġett ewlieni, jew li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-foresti u l-forestrija fl-UE;
 - (b) li jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u b'għarfien espert, jew fuq l-inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru, bil-għan li jiġi appoġġat il-kontribut usa' tal-foresti u tal-forestrija għall-oġettivi u l-inizzjattivi relatati tal-Unjoni u li tiġi vvalutata l-interazzjoni bejn dawk l-oġettivi u inizzjattivi, kif ukoll l-impatti kumulattivi tagħhom fuq il-foresti u l-forestrija, b'hekk issir promozzjoni tal-koerenza u s-sinerġiji bejn il-politiki tal-Unjoni rilevanti għall-foresti u l-forestrija;

- (c) li jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u fost l-Istati Membri dwar il-foresti u l-forestrija, inkluż b'appoġġ għal miżuri u interventi taħt il-politika agrikola komuni;
 - (d) li jrawwem l-iskambju tal-għarfien, l-esperjenza u l-prattiki tajba, kif ukoll l-iskambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet u inizjattivi emerġenti rilevanti għall-foresti u l-forestrija, inkluż mis-settur usa' bbażat fuq il-foresti.
 - (e) li jfittex u jikkoopera dwar sinerġiji bejn il-politiki nazzjonali u tal-UE relatati mal-foresti u l-forestrija, filwaqt li jqis ukoll l-iżviluppi internazzjonali;
 - (f) li jifformula opinjonijiet dwar proposti leġiżlattivi, linji gwida, strateġiji jew inizjattivi ta' politika oħra tal-Unjoni rilevanti relatati mal-forestrija jew mal-foresti. Il-Kummissjoni tqis l-opinjonijiet maqbula tal-Kumitat meta tagħmel progress fl-oġettivi ta' politika relatati mal-foresti, u tipprovdi feedback dwar kif ikunu kkunsidraw l-opinjoni.
3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fuq proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni, jistgħu jassenjaw kompiti oħrajn lill-Kumitat b'rabta mal-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw il-foresti u l-forestrija.";
4. [...]

Artikolu 3

Kompożizzjoni

1. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri.
2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom, relatati mal-foresti u l-forestrija. L-Istati Membri jinvolve lill-awtoritajiet tagħhom responsabbli għal oqsma ta' politika differenti fit-tnejn tal-laqgħat tal-[...]Kumitat, skont l-aġenda.

- 2a. Il-Kummissjoni tinvolvi lid-Direttorati Ġenerali u l-aġenziji tagħhom responsabbli għal oqsma ta' politika differenti fit-tnejn tal-laqgħat tal-[...]Kumitat, skont l-aġenda.
3. Il-Kumitat għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Artikolu 4

Laqgħat

Il-Kumitat għandu jiltaqa' regolarment matul is-sena sabiex iwettaq il-kompiti speċifikati fl-Artikolu 2. Dan għandu jiġi speċifikat fir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

Artikolu 5

Segretarjat

Is-segretarjat tal-Kumitat għandu jkun provdut mill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Regoli ta' Proċedura

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Artikolu 7

Tħassir

Id-Deċiżjoni 89/367/KEE hija mħassra. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President